MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 9/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Awissu 2009 għall-habta tas-7.00 p.m. fi Triq Ħal-Far, Birżebbuġa

1. saq vettura numru HAS 801 mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vettura;

2. saq vettura numru HAS-801 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3. Saq vettura HAS-801 mingħajr ma kienet liċenżjata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja mhux imġedda).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat milli jieġu jew ikollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikoli 3(2)(ċ) u 3(2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati **tal-akkuzi kollha** miġjuba kontra tieghu u kkundannatu piena ta' tliet xhur priġunerija.
Il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 skwalifikat lill-appellant għal zmien tnax-il xahar (12) milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Diċembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

(i) Illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn imsemmija.

(ii) Illi s-sentenza mhix ekwa w gusta.

L-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell minħabba li mhux konformi mal-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap 9 minħabba li fir-rikors m'hemmx il-fatti fil-qosor.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din setgħet tasal għal dik il-konklużjoni legalment u raġonevolment. Għalhekk semgħet l-uiniku xhud u eżaminat l-affidavit li jidher fil-proċess.

Il-Qorti semgħet lis-sur Brian Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta jikkonferma bil-ġurament illi l-vettura HAS- 801 hija vettura Fiat Punto ta' kulur aħdar reġistrata f'isem l-appellant. Il-validita' ta' din il-liċenzja skadiet fil-31 t'Awwissu 2008. Id-driving licence personali tal-appellant kienet revokata f'Awwissu tas-sena 2000.

Rat ukoll l-affidavit ta' PS 1312 Hadrian Sultana li qal li fil-11 t'Awwissu 2009 għall-ħabta tas-19.00 waqt li l-Pulizija kienet fi Triq Ħal-Far ġewwa Ħal-Far Limiti ta' Birżebbuġa **innutat li l-appellant kien qed jagħmel użu minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-801 tal-għamla Fiat ta' kulur aħdar.** L-appellant kien qal li ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih. La l-vettura kienet mingħajr liċenzja tas-sewqan biex tinutuża fit-triq u l-appellant ma kellux liċenzja tas-sewqan għax din kienet revokata f'Awwissu tas-sena 2000, tissussti awtomatikament it-tieni imputazzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Dwar it-tieni aggravju, il-Qorti eżaminat il-pieni kontemplati taħt l-artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104 li jikkontempla kundanna għal multa jew għal priġunerija għal tliet xhur u taħt is-subparagrafu (ċ) tas-subinċiż (2) fejn hemm ikkontemplat terminu ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sena jew multa sostanzjali jew it-tnejn. Rat ukoll li l-artikolu 15(1)(a) jikkontempla jew multa ta' €232.94 jew priġunerija għal tliet xhur.

Il-perjodu tal-iskwalifika jaqa' wkoll fil-parametri tal-artikolu 3(2A) tal-Kap 104.

Minħabba li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għal terminu ta' tliet xhur priġunerija u skwalifikatu milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar, ma jidhirx li din is-sentenza mhix ekwa u ġusta.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad iż-żewġ aggravji tal-appellant.

Dwar l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali l-Qorti qieset x'inhuma l-fatti u x'qal l-appellant dwarhom.

Dan qal hekk:

'Illi fil-ġurnata msemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Fil-fehma tal-Qorti l-appellant seta' żied ma' dan meta wieħed iqis li f'ġdin iċ-itazzjoni kellu tliet imputazzjonijiet għalxiex iwieġeb.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali u għalhekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-intier tagħha. L-appellant għandu josserva l-iskwalifika mis-sewqan ta' din is-sentenza (u tal-iskwalifiki l-oħra mogħtija f'sentenzi diversi) seriatim.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------